

Brussell, 6 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

9901/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0125(NLE)**

**AVIATION 116
RELEX 579
USA 39**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Ġunju 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 256 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien fuq l-Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 256 final.

Mehmuż: COM(2019) 256 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.6.2019
COM(2019) 256 final

2019/0125 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien fuq l-Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-oġġettivi tagħha**

Il-Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien fuq l-Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja ("il-Ftehim tal-Kiri bl-Ekwipaġġ") ġie negozjat mill-Kummissjoni, kif awtorizzat mill-Kunsill fil-21 ta' Diċembru 2016.

Dan jibni fuq il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru ("ATA") bejn l-UE u l-Istati Uniti ("US"), li ġl- ffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007¹, u jikkonferma l-istabbiliment ta' arranġamenti tal-kiri bl-ekwipaġġ ċari u mhux restrittivi² li jinvolvu l-linji tal-ajru tal-Partijiet, u b'hekk jipprovdu aktar preċiżjoni lid-dispożizzjonijiet rispettivi tal-ATA.

Il-Ftehim tal-Kiri bl-Ekwipaġġ mhux biss se jsolvi l-kunflitt attwali dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ATA, iżda se jipprovdi wkoll ċarezza u ċertezza legali għall-arranġamenti futuri li jaffettwaw lit-trasportaturi tal-ajru tal-UE, tal-Iżlanda, tan-Norveġja u tal-Istati Uniti. Il-Ftehim mistenni wkoll joħloq opportunitajiet ġodda ta' negozju u kooperazzjoni msaħħa għat-trasportaturi tal-ajru tal-Partijiet kollha.

- **Kuntest ġenerali**

L-ATA bejn l-UE u l-Istati Uniti jipprevedi reġim miftuħ ta' kiri bl-ekwipaġġ bejn il-partijiet. Id-direttivi ta' negozjati jistabbilixxu l-oġġettiv ġenerali li jiġi negozjat Ftehim tal-Kiri bl-Ekwipaġġ bl-għan li jipprovdi preċiżjoni lid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ATA u jelimina l-limitazzjonijiet ta' żmien għall-arranġamenti tal-kiri bl-ekwipaġġ li jaffettwaw lit-trasportaturi tal-ajru tal-UE, tal-Iżlanda, tan-Norveġja u tal-Istati Uniti.

F'konformità mad-direttivi ta' negozjati, fit-8 ta' Marzu 2019 ġie inizjalat abbozz ta' Ftehim tal-Kiri bl-Ekwipaġġ.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-ATA bejn l-UE u l-Istati Uniti huwa l-aktar ftehim importanti dwar it-trasport tal-ajru fid-dinja, billi jipprovdi aktar minn 75 miljun post fis-sena għall-passiġġieri, u għaldaqstant huwa ġebba tax-xewka tal-politika esterna tal-UE dwar l-avjazzjoni. Il-Ftehim tal-Kiri bl-Ekwipaġġ se jsolvi l-inċertezza li ilha teżisti żmien twil fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kiri bl-ekwipaġġ tal-ATA, u b'hekk se jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tar-relazzjoni tal-avjazzjoni trans-Atlantika.

Il-Ftehim tal-Kiri bl-Ekwipaġġ huwa konformi mar-regoli ġenerali tal-UE dwar il-kiri bl-ekwipaġġ: l-Artikolu 13(3)b tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008³ kif ġie modifikat

¹ ĠU L 134, 25.5.2007, p. 4.

² Il-kiri bl-ekwipaġġ huwa arranġament ta' lokazzjoni fejn linja tal-ajru waħda (lokatur) topera t-titjiriet filwaqt li tippovdi l-inġenji tal-ajru u l-ekwipaġġ lil linja tal-ajru oħra (lokatarju).

³ Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni) (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

reċentement⁴ jipprevedi t-tneħħija tar-restrizzjonijiet ta' żmien permezz ta' ftehim internazzjonali dwar il-kiri bl-ekwipaġġ li ġie ffirmat mill-Unjoni, u li huwa bbażat fuq Ftehim tal-UE dwar it-Trasport bl-Ajru li ġie ffirmat qabel l-1 ta' Jannar 2008.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Il-Ftehim tal-Kiri bl-Ekwipaġġ huwa konformi mar-regoli ġenerali tal-UE dwar il-kiri bl-ekwipaġġ: l-Artikolu 13(3)b tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 jipprevedi t-tneħħija tar-restrizzjonijiet ta' żmien permezz ta' ftehim internazzjonali dwar il-kiri bl-ekwipaġġ li ġie ffirmat mill-Unjoni, li huwa bbażat fuq Ftehim tal-UE dwar it-Trasport bl-Ajru li ġie ffirmat qabel l-1 ta' Jannar 2008.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 100(2) u l-Artikolu 218(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE").

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli – Il-Ftehim tal-Kiri bl-Ekwipaġġ jaqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-UE skont l-Artikolu 3(2) tat-TFUE.

- **Proporzjonalità**

Il-Ftehim tal-Kiri bl-Ekwipaġġ huwa limitat għall-indirizzar tal-kwistjoni kkonċernata u ma jindirizzax kwistjonijiet oħra. Billi jiffoka b'mod esklussiv fuq ir-restrizzjonijiet ta' żmien li bħalissa qed jaffettwaw l-arranġamenti tal-kiri bl-ekwipaġġ fis-suq trans-Atlantiku, se jagħti aktar ċarezza lid-dispożizzjonijiet dwar il-kiri bl-ekwipaġġ fl-ATA.

Barra minn hekk, l-Istati Membri se jkomplu jwettqu l-kompiti amministrattivi tradizzjonali li jeżegwixxu fil-kuntest tal-approvazzjoni tal-arranġamenti tal-kiri bl-ekwipaġġ.

- **L-għażla tal-istrument**

L-oġġettiv maħsub jista' jintlaħaq biss permezz ta' ftehim internazzjonali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2019/2 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1008/2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità, (ĠU L 11, 14.1.2019, p. 1).

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-Istati Membri kollha tal-UE, il-partijiet ikkonċernati mill-katina tal-valur kollha tal-avjazzjoni u s-sħab soċjali, inklużi b' mod partikolari t-trade unions, ġew ikkonsultati fl-istadji differenti matul in-negozjati. Il-kummenti li saru f' dan il-proċess tqiesu.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità u simplifikazzjoni regolatorja**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Sommarju tal-ftehim propost**

Il-Ftehim huwa magħmul mill-korp ewlieni u minn Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-awtentikazzjoni ta' verżjonijiet lingwistiċi addizzjonali.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien fuq l-Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Diċembru 2016 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tniedi negozjati mal-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien fuq l-Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fit-8 ta' Marzu 2019;
- (2) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat u applikat b'mod provviżorju mill-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien fuq l-Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni ta' dan il-Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna/i awtorizzati biex jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-Unjoni skont l-Artikolu 7(2) tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*